MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2006

Appell Kriminali Numru. 245/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

**Noel Falzon**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Noel Falzon talli fil-lejl ta' bejn is-16 ta' Marzu 2001 u s-17 ta' Marzu 2001, gewwa Birzebbuga:

a) volontarjament ikkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Claire Polidano hekk kif kien iccertifikat mit-tabib mediku ta' l-Isptar San Luqa;
b) aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, liema hsara

tammonta ghal aktar minn Lm50 izda inqas minn Lm500 ghad-detriment ta’ Claire Polidano;
c) aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hebb kontra persuni sabiex jingurjahom jew idejjaq jew ghamel hsara lil dawn il-persuni jew lil haddiehor;
d) aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostsanzi, kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied;
e) aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostsanzi, volontarjament hedded lil Claire Polidano bi kliem;
f) aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostsanzi, minghajr ma darrab jew sawwat, hedded bil-gebel jew hwejjeg ohra iebsin jew waddabhom jew qabad armi ohra kontra n-nies;
g) aktar talli kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu mis-sentenza datata 27 ta’ Frar 2001, (Awla 3) fejn il-Qorti tal-Magistrati (Malta) kienet imponiet illi l-akkuzat ma jaghmilx reat iehor fi zmien tliet xhur;
h) Il-Qorti giet mitluba sabiex jinzamm il-bon ordni u l-paci pubblika flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli, torbot lill-hati b’obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta’ somma flus li tigi moghtija mill-Qorti;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-27 ta’ Lulju 2005 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Noel Falzon hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu salv b’eccezzjoni ghal dik li kiser il-kundizzjonijiet moghtija lilu b’sentenza tal-Qorti nhar is-27 ta’ Frar 2001, mil-liema akkuza lliberatu, u kkundannatu ghall-piena karcerarja ta’ tmintax (18) il-xahar sospizi ghal tliet snin u oltre dan ikkundannat lill-hati jikkumpensa lill-vittma Claire Polidano fl-ammont ta’ mitejn liri Maltin (Lm200), kif ukoll obbligatu li ma jimmolestax lil Claire Polidano ghal perijodu ta' sitt xhur mid-data tas-sentenza taht penali ta' hamsin liri Maltin (Lm50) fin-nuqqas;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi Noel Falzon pprezentat fl-4 ta’ Awwissu 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi:

a) tikkonfermaha in kwantu sabitu mhux hati ta’ l-imputazzjoni ittra (g) - is-seba' imputazzjoni);

b) tirrevokaha in kwantu ghall-bqija inkluz id-digriet inkorporat fl-istess sentenza li biha laqghet it-talba ghall-korrezzjoni fic-citazzjoni fis-sens li d-data tal-allegat incident li sehh bejn is-sbatax u t-tmintax ta' Marzu 2001, tigi kkancellata u sostitwita bid-dati bejn is-sittax u s-sbatax ta' Marzu 2001 billi tiddikjarah mhux hati ta' l-imputazzjonijiet bl-ittri (a), (b), (c), (d), (e), (f) u (h) li taghhom gie misjub hati u b'hekk jigi dikjarat hieles minn kwalunkwe imputazzjoni u piena;
c) subordinament u bla pregudizzju ghat-talba precedenti jitlob li fil-kaz ta' konferma ta' htija 'in toto' jew 'in parte' dina l-Qorti joghgobha tapplika fil-konfront tieghu piena ehfef u aktar addattata ghalih, senjatament li titnehhielu l-piena karcerarja kif sospiza inflitta mill-Ewwel Qorti;

Rat is-sentenza preliminari moghtija fl-20 ta' Frar 2006 li permezz taghha din il-Qorti cahdet l-aggravji enumerati min-numru wiehed (1) san-numru tlieta (3) u ordnat il-prosegwiment tal-kawza;
Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

F'din is-sentenza sejjer jigi kkunsidrat l-ewwelnett l-aggravju ta' l-appellant illi it-tielet, ir-raba', il-hames u s-sitt imputazzjonijiet huma preskritti bid-dekors ta' tliet xhur stante li huma kollha kontravvenzjonijet.

L-appellant ghandu ragun. L-allegat incident li ta lok ghal dawn il-proceduri kontra l-appellant sehh fil-lejl ta' bejn is-16 u s-17 ta' Marzu 2001. L-appellant gie pprezentat il-Qorti fid-19 ta' Settembru 2001, jigifieri sitt xhur wara. Ir-reati kontemplati fit-tielet, fir-raba', fil-hames u fis-sitt imputazzjonijiet huma kontravvenzjonijiet kontemplati fl-artikoli 339(1)(d), 338(dd), 339(1)(e) u 339(1)(b) rispettivament tal-Kodici Kriminali. Skond l-artikolu 688(f) ta' l-istess Kodici, l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' tliet xhur ghall-kontravvenzjonijiet.

Konsegwentement, l-azzjoni fir-rigward tat-tielet, ir-raba', il-hames u s-sitt imputazzjonijiet giet preskritta.

Aggravju iehor jirrigwarda l-apprezzament tal-provi migjuba quddiem l-Ewwel Qorti. Din il-Qorti ma tara l-ebda htiega li taghmel konsiderazzjonijiet dwar id-data meta sehh l-allegat incident, peress illi fis-sentenza preliminari ta' l-20 ta' Frar 2006 gie diga` determinat li dan sehh fil-lejl ta' bejn is-16 u s-17 ta' Marzu 2001, kif iddikjara l-appellant stess meta xehed quddiem l-Ewwel Qorti fis-16 ta' Gunju 2004.

Issa, huwa principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

F'**Blackstone's Criminal Practice 2001** naqraw ukoll (para. D22.15 pagna 1622):

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

**"The case of *Cooper* [1969] 1 QB 267 continues to provide guidance on how the word 'unsafe' should be interpreted in determining a criminal appeal. In that case, Lord Widgery CJ explained that if the overall feel of a case left the court with a 'lurking doubt' as to whether an injustice may have been done, then a conviction will be quashed, notwithstanding that the trial was error-free. Lord Widgery said (at p. 271 C-G):**

**'[This is] a case in which every issue was before the jury and in which the jury was properly instructed, and, accordingly, a case in which this court will be very reluctant indeed to intervene. It has been said over and over again throughout the years that this court must recognise the advantage which a jury has in seeing and hearing the witnesses, and if all the material was before the jury and the summing-up was impeccable, this court should not lightly interfere. Indeed, until the passing of the Criminal Appeal Act 1966 [which somewhat widened the court's powers to quash a conviction] it was almost unheard of for this court to interfere in such a case.**

**However, now our powers are somewhat different, and we are indeed charged to allow an appeal against conviction if we think that the verdict of the jury should be set aside on the ground that under all the circumstances of the case it is unsafe or unsatisfactory. That means that in cases of this kind the court must in the end ask itself a subjective question, whether we are content to let the matter stand as it is, or whether there is not some lurking doubt in our minds which makes us wonder whether an injustice has been done. This is a reaction which may not be based strictly on the evidence as such; it is a reaction which can be produced by the general feel of the case as the court experiences it'."**

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt** fl-1 ta' Dicembru 1994, intqal hekk:

**"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji - kif normalment ikun hemm - xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta, il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament."**

Din il-Qorti fil-fatt ghamlet ezami approfondit tal-provi kollha migbura mill-Ewwel Qorti biex tara jekk dik il-Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni ta' htija dwar l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant. Il-provi principali rilevanti huma x-xiehda ta' Claire Polidano u ta' l-appellant, kif ukoll l-istqarrija li l-appellant ghamel lill-Pulizija fit-13 ta' Gunju 2001.

**Claire Polidano** xehdet li hija kienet rieqda d-dar meta semghet storbju minn barra u tahbit bis-sahha fuq il-bieb tal-flat fejn toqghod ghall-habta ta' l-4.00 a.m. Fethet u sabet lill-appellant, li kien fis-sakra, bil-ponn lest u mazz cwievet go fih. Qalet li ghall-ebda raguni ta' xejn qabad u taha daqqa ta' ponn u weggghalha widnejha u l-hanek. Hi ppanikkjat, kompla jtiha, ippruvat tigbor il-mobile biex iccempel l-ghassa, hu gera warajha, qabad il-mobile, beda jigdmu mbaghad waddbu mal-hajt u nkiser. Ix-xhud kompliet tghid li harget fil-gallarija tghajjat biex forsi xi hadd icempel lill-Pulizija. Meta l-appellant telaq hija marret l-ghassa mbaghad il-klinik mnejn baghtuha l-Isptar. Qalet li kellha *bleeding* f'widnejha u dwar il-hanek ghandha certifikat tad-dentist Dr. John Attard Montalto (ara fol. 10). Bid-daqqa ta' ponn iccaqalqilha l-hanek u, meta xehdet fid-19 ta' Settembru 2001, qalet li kienet ghadha qed tiehu l-kura. Il-mobile kien taghha u xtratu xi Lm90. Wara kellha tixtri iehor. L-appellant la taha iehor u lanqas ma hallasha. Ix-xhud qalet ukoll li hi u l-appellant kienu ghamlu tliet snin

johorgu flimkien izda din ir-relazzjoni kienet diga` ntemmet meta gara dan l-incident. Qalet li filwaqt li l-bieb tal-flat fethitu hi, il-bieb tal-blokk huwa fethu bid-daqqiet ta' sieq u l-ponn li beda jaghti. Qabel dan kollu hi kienet qed tiehu drink ma' huha, l-appellant beda jcemplilha u jirrispondi huha. Meta l-appellant tfacca fejn kienu, kien kwiet, m'ghamel xejn, u gie u telaq xi tliet darbiet; hi ma tantx kellmitu ghax ma kinitx ghadha mieghu u bdiet tibza' li se jisker u jaghmel xi wahda. Imbaghad telaq u tfacca fl-4.00 a.m. Qalet li hafna drabi refa' jdejh fuqha.

Fl-istqarrija li ghamel l-appellant fit-13 ta' Gunju 2001 qal li huwa kien johrog ma' Claire Polidano u kien jghix maghha fil-flat tieghu. Dakinhar ta' l-argument kienu b'argument izda kien ghadu jghix maghha. Mistoqsi jekk kellux xi haga f'idejh meta kellhom xi jghidu u x'kellu, wiegeb li ma kellux xejn u, mistoqsi dwar ic-cwievet, ma wegibx. Dwar il-mobile pero` qal li sabbtu ma' l-art u nkiser u hadu minn fuq il-komodina u kissru ghax min beda jcempel ma kienx qed joghgbu. Qal li l-ghada lil Claire Polidano taha Lm85 biex jaghmel tajjeb ghall-mobile u jaf li hi qalet li ma hallashiex. Mistoqsi jekk gewx fl-idejn fil-flat u jekk jafx li Polidano garrbet xi griehi, ukoll ghazel li ma jwegibx. Ir-raguni li ta ghan-nuqqas tieghu li jwiegeb xi domandi kienet li ma jafdax lil Polidano u kien qed jistenna l-Qorti.

Meta xehed **l-appellant** qal li kien ilu sentejn u nofs jghix ma' Claire Polidano u dejjem bl-inkwiet ghax hi kienet tiehu d-drogi. Missierha xtaq jibghatha Monte Carmeli imma hu ffirma biex ma titlax. Qal li fis-16 ta' Marzu cemplitlu u mar sabiex jiltaqa' maghha u nqalghet storja bhas-soltu. Bdew jargumentaw, hi kienet fuq it-telefon biex tinqeda bid-droga, qabad it-telefon u sabbtu. Qal li kien jakkumpanjaha l-Furjana biex ticcekkja l-awrina. Kienet tippromettilu diversi drabi li kienet sejra tieqaf mill-problema li kellha izda baqghet ghaddejja. Wara li sabbtilha t-telefon, hi marret ghalih, imbuttaha u mbaghad telaq 'l hemm. Sostna li ma sgassa l-ebda bieb biex jidhol. Kellu c-cavetta tal-post, anzi l-post kien tieghu. Jumejn wara l-incident, rega' ltaqa' ma' Claire Polidano u hallasha Lm94 tal-mobile. Dak iz-zmien kienu qeghdin jghixu *on and off*. Rega' sostna li mar il-flat dakinhar fuq talba

taghha u rega' spjega l-incident hekk: "Meta ersaqt lejha sibtha bil-mobile f'idejha. Dak il-hin qbadtu, sabbattu ma' l-art u kissirtu kif ukoll li lilha lqattha bil-mobile. Jekk mhux sejjer zball f'ghonqha jew f'wiccha. Fil-fatt kont qed nissara maghha biex niehdu minn idejha u kienet qed taghmilli opposizzjoni, gbidtu u lqattha f'ghonqha. Idejja fuqha m'erfajtx. Imbaghad tlaqt lil hemm." Qal li meta kien l-ghassa u ghamel l-istqarrija ma ra xejn partikolari f'wicc Claire Polidano.

Tajjeb li ssir referenza wkoll ghal dak li xehed **Paul Polidano**, hu Claire Polidano. Dan qal li filghaxija kien qieghed f'bar ma' ohtu u hin minnhom gie l-appellant jiehu drink hemm. Qal li ma kienx miftiehem maghha. Tkellmu u telqu flimkien – ma kienx jidher li hemm sinjali ta' glied bejniethom. Xehed li l-ghada filghodu cemplitlu ohtu biex imur jirranga l-bieb ta' barra (tal-blokk). Qaltlu li l-appellant, meta telqu mill-bar, kien wassalha d-dar imbaghad telaq u rritorna f'xi l-4.00 a.m. u kisser il-bieb ta' barra u dahal ghaliha. Meta mar, sab il-bieb sgassat u ohtu kellha nefha kbira f'widnejha u qasma wara widnejha bid-demm niexef.

Issa m'hemm l-ebda dubju li bejn ix-xiehda li nghatat minn Claire Polidano u dik li nghatat mill-appellant hemm certi konflitti. Sahansitra Paul Polidano jikkontradici lil ohtu dwar lejliet l-incident meta jghid li hi telqet ma' l-appellant filwaqt illi hija qalet li l-appellant telaq wahdu. Izda x-xiehda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut, hija bizzejjed biex tikkostitwixxi prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ikun gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar[2]. U kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne** tad-9 ta' Lulju 2003, *"mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux"*[3]. Hekk

---

[2] Ara artikolu 638(2) tal-Kap. 9.

[3] Ara wkoll Appell Kriminali **The Police vs Graham Charles Ducker**, 19 ta' Mejju 1957.

ghamlet l-Ewwel Qorti li, nonostante l-konflitti, setghet ragjonevolment tikkonkludi kif ikkonkludiet dwar il-htija ta' l-appellant fir-rigward ta' l-ewwel zewg imputazzjonijiet.

Fil-fatt din il-Qorti difficilment tista' tqis bhala verosimili li l-offizi li garrbet Claire Polidano graw ghax semplicement l-appellant "laqghetha". U kwantu ghat-tieni imputazzjoni, din tirrizulta ampjament pruvata mill-ammissjoni ta’ l-appellant stess, kemm meta ghamel l-istqarrija tieghu kif ukoll meta xehed quddiem l-Ewwel Qorti.

L-ahhar aggravju ta’ l-appellant jirrigwarda l-piena li jqis eccessiva fic-cirkostanzi tal-kaz.

In materja ta' piena l-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[4].

Il-piena nflitta mill-Ewwel Qorti ta’ tmintax-il xahar prigunerija sospizi ghal tliet snin hi certament entru l-parametri tal-ligi. Il-piena ghall-ewwel imputazzjoni, dik ta’ offiza gravi *per durata*, hi ta’ prigunerija minn tliet xhur sa tliet snin. Il-piena ghat-tieni imputazzjoni, dik ta’ hsara volontarja, hi ta’ prigunerija minn hames xhur sa sena.

Fil-fehma tal-Qorti, l-aktar cirkostanza favur l-appellant li ghandha twassal ghal temperament fil-piena hija r-rinunzja tal-parti offiza ghal dak kollu rinunzjabbli skond il-verbal tat-30 ta' Mejju 2002. Naturalment, jekk Claire Polidano kellha problema ta' droga, din il-Qorti tista' tifhem sew il-preokkupazzjoni ta' l-appellant anke dwar l-istat ta' sahha taghha minhabba tali vizzju. Izda din mhijiex skuza ghall-ebda forma ta' vjolenza.

Kwantu ghall-kumpens li l-Ewwel Qorti ordnat lill-appellant ihallas lil Claire Polidano fis-somma ta' Lm200, huwa

---

[4] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

minnu li l-Ewwel Qorti ma ndikatx ir-raguni ghall-kumpens, izda skond l-artikolu 28H tal-Kodici Kriminali, il-Qorti, meta taghmel ordni ta' sentenza sospiza, tista' tordna l-hlas ta' kumpens anke ghal offiza (fit-test Ingliz *"injury"*) kagunata permezz tar-reat li dwaru persuna tkun giet iddikjarata hatja.

Kwantu ghall-obbligazzjoni taht l-artikolu 383 tal-Kap. 9, din il-Qorti ma tara l-ebda raguni sabiex tvarjaha nonostante li l-appellant jghid li qata' kull kuntatt ma' Claire Polidano.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata u ghalhekk tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati tat-tielet, tar-raba', tal-hames u tas-sitt imputazzjonijiet u minflok tiddikjara l-azzjoni fir-rigward ta' dawk l-erba' imputazzjonijiet preskritta u tilliberah minnhom, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant ghal prigunerija ghal perijodu ta' tmintax-il xahar sospizi ghal tliet snin u minflok tikkundannah ghal prigunerija ghal perijodu ta' tmien xhur liema sentenza ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk, matul il-perijodu ta' sentejn millum, l-appellant jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija, u tikkonferma s-sentenza appellata fil-kumplament b'dan li l-obbligazzjoni skond l-artikolu 383 tal-Kap. 9 ghandha ssir bil-mod infraskritt. Il-Qorti spjegat lill-appellant bi kliem car ir-responsabbilta` tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija. Fl-ahharnett tattira l-attenzjoni tar-Registratur ghar-responsabbilta` tieghu skond l-artikolu 28A(8) tal-Kap. 9.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------